PAKKETT TAL-ISTUDENT



# ID-DEMOKRAZIJA TAL-UE F’AZZJONI

## Semma’ Leħnek bl-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

# UNITÀ 1: Introduzzjoni qasira għall-UE

## *ĦIDMA FIL-KLASSI*

### VALURI TAL-UE

Hemm sitt valuri ewlenin fil-qalba tal-UE. It-Trattat ta' Liżbona jispjegahom kif ġej:

> *"L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."*

L-Artikolu 2 tat-Trattat ta' Liżbona

Ħares lejn il-valuri tal-UE elenkati hawn taħt. Fil-grupp tiegħek, ipprova kklassifika dawn il-valuri skont l-importanza għalik.

a) Dinjità tal-bniedem ....
b) Libertà ....
c) Demokrazija ....
d) Ugwaljanza ....
e) Stat tad-dritt ....
f) Drittijiet tal-bniedem ....

Uża l-ispazju ta' hawn taħt biex tagħmel noti dwar għaliex poġġejthom f'din l-ordni u pprova ddefinixxi kull terminu xi jfisser għalik. Imbagħad, iddiskuti l-ideat tiegħek mal-bqija tal-klassi. Tista' tuża l-ispjegazzjonijiet fuq paġna 29 biex jgħinuk.

## IŻ-ŻONA SCHENGEN

Kemm-il membru taż-Żona Schengen jiġuk f'moħħok? Iktibhom fil-kaxxa ta' hawn taħt. Uża l-mappa biex tgħinek (il-pajjiżi taż-Żona Schengen qegħdin bil-blu):



*Membri taż-Żona Schengen (Jannar 2023)*

Liema pajjiżi qegħdin bl-aħdar? Għaliex?



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## L-ERBA' LIBERTAJIET

L-għalliem tiegħek se jassenjalek waħda mill-erba' libertajiet tal-UE (merkanzija, kapital, servizzi, persuni). Għal-libertà li tingħata, agħmel noti taħt l-intestaturi li ġejjin mal-grupp tiegħek imbagħad aqsamhom mal-klassi:

1) X'inhuma l-vantaġġi għan-negozji?

2) X'inhuma l-vantaġġi għaċ-ċittadini tal-UE?

3) Kif ibbenifikajt inti personalment?

## OQSMA TA' AZZJONI TAL-UE

It-tabella ta' hawn taħt turi xi oqsma ta' azzjoni tal-UE:

| | | |
|---|---|---|
| Unjoni Doganali | Sajd | Drittijiet fundamentali |
| Regoli tal-kompetizzjoni | Ambjent | Saħħa pubblika |
| Politika monetarja | Protezzjoni tal-konsumatur | Riċerka u spazju |
| Kummerċ | Trasport | Networks trans-Ewropej |
| Pjanti u annimali tal-baħar | Enerġija | Ġustizzja |
| | Impjieg u affarijiet soċjali | Agrikoltura |
| | Suq Uniku | Migrazzjoni u affarijiet interni |
| | | Kooperazzjoni għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja |

Taħt liema oqsma ta' azzjoni jaqgħu dawn li ġejjin?

1. Tirċievi garanzija ta' mill-inqas sentejn meta tixtri laptop ġdid.
2. Jekk it-titjira tiegħek tittardja għal ħin twil jew tiġi kkanċellata, tirċievi kumpens.
3. Il-kwalifiki tiegħek f'pajjiż wieħed tal-UE jiġu rikonoxxuti f'pajjiż ieħor.
4. L-ammont minimu ta' 20 jum frank fis-sena għal impjegat full-time.
5. L-ammont massimu ta' bakkaljaw li jitħallew jaqbdu s-sajjieda.
6. L-ammont ta' enerġija (gass/elettriku) li jeħtieġ jiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija solari u mir-riħ.
7. L-ammont massimu ta' partikoli fini li jitħallew ikunu fl-arja.

## NOTI



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

# *RIEŻAMI TAL-LEZZJONI*

## TRATTATI IMPORTANTI

L-Unjoni Ewropea kif nafuha llum hija r-riżultat ta' serje ta' trattati li l-membri tagħha qablu dwarhom. Uża l-iskeda ta' fatti fuq paġna 26, jew l-internet, biex twieġeb l-mistoqsijiet li ġejjin.

Eż. 1) Poġġi t-trattati li ġejjin (a-e) fl-ordni kronoloġika korretta (1-5):

a) It-Trattat ta' Maastricht
b) It-Trattat ta' Pariġi
c) Il-Konvenzjoni ta' Schengen
d) It-Trattat ta' Ruma
e) It-Trattat ta' Liżbona

1: ___ 2: ___ 3: ___ 4: ___ 5: ___

Eż. 2) Liema mit-trattati ta' hawn fuq (a-e) qed jiġi deskritt hawn taħt?

I. Dan it-trattat ipprova jiżgura l-paċi fl-Ewropa wara t-Tieni Gwerra Dinjija. .[ __ ]
II. Dan it-trattat introduċa l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. ..........................[ __ ]
III. Dan it-trattat għamilha possibbli li wieħed jimxi bejn il-pajjiżi tal-UE bl-ebda verifika fil-fruntieri. ........................................................................[ __ ]
IV. Dan it-trattat ħoloq il-Komunità Ekonomika Ewropea. ................................ [ __ ]
V. Dan it-trattat ħoloq il-kunċett ta' Ċittadinanza Ewropea. ............................[ __ ]

## VALURI TAL-UE

Eż. 3) Għal kull wieħed mill-valuri elenkati hawn taħt, mur online u sib xi azzjonijiet tal-UE relatati mal-promozzjoni jew il-protezzjoni ta' dawk il-valuri.

a) Dinjità tal-Bniedem
b) Libertà
c) Demokrazija
d) Ugwaljanza
e) Stat tad-dritt
f) Drittijiet tal-Bniedem

Kun lest biex taqsam it-tweġibiet tiegħek mal-grupp tiegħek fil-bidu tal-unità li jmiss.

## IŻ-ŻONA SCHENGEN

Iż-Żona Schengen tikkonsisti minn pajjiżi Ewropej li qablu li jabolixxu l-verifiki fil-fruntieri bejniethom.

Eż. 4) Iddeċiedi liema minn dawn id-dikjarazzjonijiet huma veru (V) jew foloz (F)

a) Il-membri kollha ta' Schengen huma membri sħaħ tal-UE. ...
b) Bħalissa hemm 27 membru ta' Schengen. ...
c) M'għandekx bżonn xi tip ta' identifikazzjoni meta tivvjaġġa fiż-Żona Schengen. ...
d) Jekk int ċittadin tal-UE li qed tivvjaġġa mill-Greċja għall-Estonja bit-triq, se jkollok bżonn tgħaddi minn verifiki fil-fruntieri fir-rotta. ...
e) Int tgħix fi Spanja u se jiġi jżurek ħabib mill-Ekwador. Hu kiseb viża u wasal qawwi u sħiħ fi Spanja. Flimkien, tiddeċiedu li żżuru ħabib ieħor fi Franza għal ftit jiem. Il-ħabib tiegħek għandu bżonn japplika għal viża oħra. ...

## IS-SUQ UNIKU U L-UNJONI DOGANALI

L-UE għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini tal-UE jistudjaw, jgħixu, jixtru, jaħdmu u jirtiraw fi kwalunkwe pajjiż tal-UE u jgawdu minn prodotti minn madwar l-Unjoni kollha. Biex tagħmel dan, tiżgura l-moviment liberu ta' merkanzija, servizzi, kapital u persuni f'suq intern tal-UE uniku. Billi tneħħi l-ostakli tekniċi, legali u burokratiċi, l-UE tippermetti wkoll liċ-ċittadini jagħmlu kummerċ u jinnegozjaw b'mod liberu.

Il-libertà tal-istabbiliment tippermetti liċ-ċittadini tal-UE jiftħu negozji f'pajjiżi oħra tal-UE.

Eż. 5) Għal kull waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin, iddeċiedi liema libertà/libertajiet qed jiġu eżerċitati. Agħmel ċirku mat-tweġiba/iet tiegħek.

a) Tiddeċiedi li tixtri villeġġatura f'pajjiż ieħor tal-UE u tibqa' hemm f'intervalli regolari matul is-sena.
Stabbiliment ta' merkanzija/servizzi/kapital/persuni.
b) Taħdem bħala traduttur ibbażat fil-pajjiż ta' oriġini tiegħek u taħdem għal u titħallas minn klijenti minn madwar l-UE kollha.
Stabbiliment ta' merkanzija/servizzi/kapital/persuni.
c) Tixtieq tespandi n-negozju tiegħek billi tieħu kumpanija f'pajjiż ġar tal-UE u tibgħat il-prodotti tiegħek hemm għall-bejgħ. Stabbiliment ta' merkanzija/servizzi/kapital/persuni.
d) Int produttur taż-żejt taż-żebbuġa u tiftaħ ħanut online biex tbigħ il-prodotti tiegħek direttament mill-farm tiegħek.
Stabbiliment ta' merkanzija/servizzi/kapital/persuni.
e) Tmur tistudja f'università f'pajjiż ieħor tal-UE. Waqt li tkun hemm, issib impjieg part-time f'ristorant filgħaxija. Stabbiliment ta' merkanzija/servizzi/kapital/persuni.

## OQSMA TA' AZZJONI TAL-UE

L-Unjoni Ewropea tista' taġixxi biss f'dawk l-oqsma fejn il-pajjiżi membri tagħha huma awtorizzati li jagħmlu dan, permezz ta' trattati tal-UE.

Eż. 6) It-tabella f'paġna 30 turi xi oqsma ta' azzjoni tal-UE. Agħżel tlieta minn dawn l-oqsma u mur online u sib eżempju wieħed ta' regoli/atti legali li l-UE adottat għal kull qasam. Tista' tfittex "liġi tal-UE dwar..." fuq Google.

Eż. 7) L-UE għandha tliet livelli ta' kompetenza, imla t-tip ta' kompetenza nieqes:

a) kompetenza ……………, fejn l-Istati Membri jistgħu jilleġiżlaw u jadottaw miżuri legalment vinkolanti jekk l-Unjoni ma tkunx għamlet hekk.

b) kompetenza ……………, fejn l-UE tadotta miżuri biex tappoġġa jew tikkomplementa l-politiki tal-Istati Membri.

c) kompetenza ……………, fejn l-Unjoni waħidha tista' tilleġiżla u l-Istati Membri jistgħu biss jimplimentaw.

## IPPREPARA GĦAL-LEZZJONI LI JMISS

Fil-lezzjoni li jmiss, se tħares lejn kif taħdem id-demokrazija fl-Unjoni Ewropea. Qabel il-lezzjoni, ara jekk tistax twieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin. Kun lest biex tiddiskutihom mal-istudenti l-oħra.

a) Min huwa r-rappreżentant tiegħek fil-Parlament Ewropew (MEP)?
b) Meta se jsiru l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss?
c) Kemm irid ikollok żmien biex tivvota fl-elezzjonijiet Ewropej?
d) Jekk qed tgħix f'pajjiż ieħor tal-UE, xorta tista' tivvota fl-elezzjonijiet Ewropej?
e) Min jagħmel il-liġijiet f'pajjiżek u kif jgħaddu?

Links għal aktar informazzjoni (Is-siti kollha huma disponibbli bil-lingwi kollha uffiċjali, kemm tagħżel tiegħek).

L-istorja tal-Unjoni Ewropea

Id-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni Ewropea

Is-simboli tal-Unjoni Ewropea

Il-membri tal-Unjoni Ewropea

## ATTIVITÀ FAKULTATTIVA

Għal-lezzjoni li jmiss, żomm nota tal-affarijiet li tiltaqa' magħhom fil-ħajja tiegħek ta' kuljum li ġew influwenzati mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Kun lest biex tiddiskuti dak i sibt fil-lezzjoni li jmiss.

# UNITÀ 2: Id-Demokrazija fl-Unjoni Ewropea

## *ĦIDMA FIL-KLASSI*

### IL-KORPI TA' TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET TAL-UE

L-għalliem tiegħek se jispjega t-tliet korpi ewlenin ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Tista' tuża l-kaxxi ta' informazzjoni li ġejjin biex jgħinuk.

### *X'tagħmel il-Kummissjoni Ewropea?*

*Tipproponi liġijiet ġodda*

Il-Kummissjoni Ewropea hija l-unika istituzzjoni tal-UE li għandha d-dritt li tressaq liġijiet għall-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE li:

- jipproteġu l-interessi tal-UE u ċ-ċittadini tagħha dwar kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv fil-livell nazzjonali
- jagħmlu d-dettalji tekniċi kif suppost billi ssir konsultazzjoni mal-esperti u l-pubbliku

*Timmaniġġja l-politiki tal-UE u talloka finanzjament tal-UE*

- tistabbilixxi l-prijoritajiet ta' nfiq tal-UE, flimkien mal-Kunsill u l-Parlament
- tfassal baġits annwali għall-approvazzjoni mill-Parlament u l-Kunsill
- tissorvelja kif jintefqu l-flus, taħt l-iskrutinju tal-Qorti tal-Awdituri

*Tinforza d-dritt tal-Unjoni*

- flimkien mal-Qorti tal-Ġustizzja, tiżgura li d-dritt tal-Unjoni jiġi applikat kif xieraq fil-pajjiżi membri kollha

*Tirrappreżenta lill-UE fix-xena internazzjonali*

- titkellem f'isem il-pajjiżi kollha tal-UE f'korpi internazzjonali, b'mod partikolari f'oqsma tal-politika kummerċjali u l-għajnuna umanitarja
- tinnegozja ftehimiet internazzjonali għall-UE

*Kompożizzjoni*

It-tmexxija politika hija pprovduta minn tim ta' 27 Kummissarju (wieħed minn kull pajjiż tal-UE) – immexxi mill-President tal-Kummissjoni, li jiddeċiedi min huwa responsabbli għal liema qasam ta' politika. Il-President jiġi nnominat mill-Kunsill Ewropew (li jirrappreżenta l-Kapijiet ta' Stat jew gvern minn kull pajjiż tal-UE) filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Imbagħad jiġi approvat mill-Parlament Ewropew. Il-membri l-oħra jiġu nnominati mill-pajjiżi tagħhom u jgħaddu minn proċedura ta' approvazzjoni li tinvolvi l-President il-ġdid, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew.

Il-Kummissjoni Ewropea



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## *X'jagħmel il-Kunsill tal-UE?*

- Jinnegozja u jadotta liġijiet tal-UE
- Il-Kunsill huwa deċiżur essenzjali tal-UE.
- Jinnegozja u jadotta atti leġiżlattivi fil-biċċa l-kbira tal-każijiet flimkien mal-Parlament Ewropew. Huwa magħmul minn ministri mill-pajjiżi kollha tal-UE.
- Jikkoordina l-politiki tal-Istati Membri

*Il-Kunsill huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri f'oqsma speċifiċi, bħal:*

- politiki ekonomiċi u fiskali
- edukazzjoni, kultura, żgħażagħ u sport
- politika dwar l-impjiegi

*Jiżviluppa l-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE*

Il-Kunsill jiddefinixxi u jimplimenta l-politika estera u ta' sigurtà tal-UE abbażi tal-linji gwida stabbiliti mill-Kunsill Ewropew. Dan jinkludi wkoll l-iżvilupp tal-UE u għajnuna umanitarja, difiża u kummerċ.

*Jikkonkludi ftehimiet internazzjonali*

Il-Kunsill jipprovdi l-mandat lill-Kummissjoni biex tinnegozja f'isem il-ftehimiet tal-UE bejn il-pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Fi tmiem in-negozjati, il-Kunsill jiddeċiedi dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim.

*Jadotta l-baġit tal-UE*

Il-Kunsill jadotta l-baġit tal-UE flimkien mal-Parlament.

Il-perjodu tal-baġit ikopri sena kalendarja. Normalment jiġi adottat f'Diċembru u jibda mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

Il-Kunsill

## *X'jagħmel il-Parlament Ewropew?*

*Jilleġiżla*

- Jgħaddi liġijiet tal-UE, flimkien mal-Kunsill tal-UE, abbażi tal-proposti mill-Kummissjoni Ewropea
- Jiddeċiedi dwar ftehimiet internazzjonali
- Jiddeċiedi dwar tkabbir
- Jirrieżamina l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni u jitlobha tipproponi leġiżlazzjoni

*Jissorvelja*

- Skrutinju demokratiku tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE
- Jeleġġi l-President tal-Kummissjoni u japprova l-Kummissjoni bħala korp. Possibbiltà ta' votazzjoni ta' mozzjoni ta' ċensura, li tobbliga lill-Kummissjoni tirriżenja
- Jagħti l-kwittanza, jiġifieri japprova l-mod kif intefqu l-baġits tal-UE
- Jeżamina l-petizzjonijiet taċ-ċittadini u jistabbilixxi inkjesti
- Jiddiskuti l-politika monetarja mal-Bank Ċentrali Ewropew
- Jagħmel mistoqsijiet lill-Kummissjoni u l-Kunsill
- Osservazzjonijiet tal-elezzjonijiet

*Jipprepara l-baġit*

- Jadotta l-baġit tal-UE, flimkien mal-Kunsill
- Japprova l-baġit fit-tul tal-UE, il-"Qafas Finanzjarju Pluriennali"

*Kompożizzjoni*

L-elezzjonijiet isiru kull 5 snin. L-għadd ta' MEPs għal kull pajjiż huwa bejn wieħed u ieħor proporzjonat għall-popolazzjoni tiegħu: l-ebda pajjiż ma jista' jkollu inqas minn 6 jew aktar minn 96 MEP u l-għadd totali ma jistax jaqbeż is-705 (704 u l-President). L-MEPs huma raggruppati skont l-affinità politika, mhux skont in-nazzjonalità.

Il-Presidentjirrappreżenta l-Parlament lil istituzzjonijiet oħra tal-UE u d-dinja ta' barra u jagħti l-approvazzjoni finali tal-baġit tal-UE.

Il-Parlament tal-Unjoni Ewropea

## NOTI



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

# *RIEŻAMI TAL-LEZZJONI*

## L-ISTITUZZJONIJIET EWLENIN TAT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET TAL-UNJONI EWROPEA

Hemm tliet korpi ewlenin li jaħdmu flimkien biex jiddeċiedu dwar il-liġijiet u r-regoli tal-Unjoni Ewropea. Dawn huma: il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Eż. 1) Liema mill-istituzzjonijiet li ġejjin qed tiġi deskritta hawn taħt? Ikteb "Km" għall-Kummissjoni, "P" għall-Parlament u "Kn" għall-Kunsill.

Ftakar li tista' tuża l-internet biex issib informazzjoni.

a) Dawn il-korpi għandhom 27 membru. ........................................................ (      )
b) Il-membri ta' dan il-korp jiġu vvutati direttament miċ-ċittadini tal-UE. ....... (      )
c) Dan il-korp jipproponi liġijiet. .................................................................. (      )
d) Dan il-korp huwa magħmul minn ministru minn kull Stat Membru. ............ (      )
e) Dawn iż-żewġ korpi jridu jaqblu dwar liġi biex din tgħaddi. ........................ (      )
f) Kull membru ta' dan il-korp huwa responsabbli għal qasam ta' politika differenti. ........................................................................ (      )
g) Dan il-korp huwa responsabbli għas-sorveljanza ta' korpi oħra tal-UE. ....... (      )
h) Dawn iż-żewġ korpi japprovaw il-baġit għall-UE. ........................................ (      )

Fl-Unjoni Ewropea, il-gvernijiet statali u lokali tagħna huma demokratiċi. Madankollu, hemm modi oħra ta' kif imexxu stat. Uża l-internet jew dizzjunarju biex jgħinek fl-eżerċizzju li ġej.

Eż. 2) Qabbel is-sistema ta' gvern fuq ix-xellug mad-definizzjoni tagħha fuq il-lemin.

| | |
|---|---|
| a) Anarkija | 1. Forma ta' gvern li fiha l-mexxej li jintiret imexxi bid-dritt tiegħu stess. M'hemmx limiti fuq il-poter tiegħu. |
| b) Monarkija assoluta | 2. Forma ta' gvern ikkaratterizzata minn mexxej jew grupp ta' mexxejja mhux eletti li għandhom poter ta' gvern bi ftit limitazzjonijiet. Ħafna drabi appoġġat mill-militar. |
| c) Teokraċija | 3. Soċjetà kostitwita liberament mingħajr awtoritajiet jew korp li jmexxi. |
| d) Oligarkija | 4. Gvern ta' stat minn gwida divina immedjata jew minn uffiċjali li jitqiesu bħala ggwidati b'mod divin. |
| e) Dittatorjat | 5. Soċjetà mmexxija jew ikkontrollata minn nies b'ħafna ġid jew dħul. |
| f) Plutokrazija | 6. Forma ta' struttura ta' poter li fiha l-poter ikun jinsab għand numru żgħir ta' persuni. |



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## IL-PROĊESS TAT-TFASSIL TAL-LIĠIJIET TAL-UE

Il-liġijiet ġodda fl-UE normalment isiru wara proċedura standard li tinvolvi t-tliet korpi leġiżlattivi tal-UE: il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE.

Eż. 3) Aqra d-dikjarazzjonijiet li ġejjin u ddeċiedi jekk humiex veri (V) jew foloz (F). Jekk huma foloz, ipprepara biex tispjega għaliex.

a) It-tliet istituzzjonijiet kollha jistgħu jibdew il-proċess leġiżlattiv. ............ (    )
b) Biex tgħaddi liġi, għandhom jaqblu l-Parlament u l-Kummissjoni. .......... (    )
c) Kemm il-Parlament kif ukoll il-Kunsill jistgħu jemendaw il-proposti. ...... (    )
d) Hemm proċess ta’ konsultazzjoni qabel issir proposta. .......................... (    )
e) L-UE tista’ tagħmel liġijiet dwar kwalunkwe suġġett li tagħżel. ............... (    )

## L-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE ) hija mod kif iċ-ċittadini Ewropej jinfluwenzaw il-politiki tal-UE. Hija forma ta' demokrazija parteċipatorja.

Kwalunkwe ċittadin Ewropew li għandu età biżżejjed biex jivvota fl-elezzjonijiet Ewropej jista' jibda jew jappoġġa IĊE. L-età li tippermetti lin-nies jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej tista' tvarja: filwaqt li hija ta' 18 fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, hija ta' 17 fil-Greċja u 16 fl-Awstrija, Malta u l-Belġju (minn Mejju 2023). Il-pajjiżi tal-UE jistgħu jbaxxu l-età ta' appoġġ għal IĊE għal 16, l-Estonja u l-Ġermanja hekk għamlu. Ara l-aħħar status dwar il-pajjiż tiegħek fuq: https://europa.eu/citizens-initiative/how-it-works/implementation-national-level/data-requirements_mt

## IPPREPARA GĦAL-LEZZJONI LI JMISS

Kun lest biex tiddiskuti l-kwistjonijiet li ġejjin mal-istudenti tiegħek:

1) Kemm tagħti attenzjoni għall-ħidma tal-Unjoni Ewropea? Issegwiha fuq il-media soċjali/l-aħbarijiet?
2) Taħseb li l-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet mill-Unjoni Ewropea huwa demokratiku?
3) Taħseb li hemm modi kif l-Unjoni Ewropea tista' ssir aktar demokratika?
4) Hemm xi ħaġa li taħseb tkun idea tajba għal inizjattiva?

Mur fuq https://europa.eu/citizens-initiative. Skrollja 'l isfel fil-paġna biex issib xi wħud mill-inizjattivi aktar ġodda jew uża t-tab "Sib Inizjattiva" biex tfittex. Sib inizjattiva li tkun lest tappoġġa. Għal-lezzjoni li jmiss, kun preparat biex tispjega għaliex tappoġġa din l-inizjattiva. X'diġà taf dwar il-kwistjoni?

## ATTIVITÀ FAKULTATTIVA

Oħloq stħarriġ qasir għall-ħbieb tal-iskola tiegħek biex issir taf kemm jafu dwar kif taħdem l-Unjoni Ewropea u għal xiex hija responsabbli. Analizza u ddiskuti r-riżultati fil-klassi.

# UNITÀ 3: L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## *ĦIDMA FIL-KLASSI*

### IR-REGOLI TAL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija forma ta' demokrazija parteċipatorja. Hija mod kif iċ-ċittadini tal-UE jinfluwenzaw it-tiswir tal-liġijiet u l-politiki fl-UE. Dawk kollha li għandhom età biżżejjed biex jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew jistgħu jirreġistraw inizjattiva (jekk tissodisfa ċerti kriterji). Il-passi huma kif ġej:

1) Sib sitt persuni oħra minn sitt pajjiżi oħra tal-UE, li huma eleġibbli biex jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej, biex jiffurmaw tim miegħek.
2) Iddefinixxi l-objettivi tiegħek u itlob lill-Kummissjoni Ewropea tirreġistra l-inizjattiva.
3) Wara deċiżjoni pożittiva, l-inizjattiva tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-IĊE.
4) Iġbor tal-inqas miljun firma minn tal-inqas 7 pajjiżi tal-UE fi żmien 12-il xahar (online jew fuq karta).
5) Ikseb id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ivverifikati mill-awtoritajiet nazzjonali.
6) Issottometti l-inizjattiva tiegħek lill-Kummissjoni.
7) Laqgħa mal-Kummissjoni.
8) Seduta pubblika fil-Parlament Ewropew.
9) Rispons mill-Kummissjoni Ewropea.
10) Segwitu mill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet proposti, jekk applikabbli.

## KIF TIŻVILUPPA KAMPANJA? AGĦMEL NOTI.

- Xi ssemmiha l-kampanja?
- X'tagħmel biex issib sħab f'6 pajjiżi oħra tal-UE?
- Fuq xiex jaf ikollok bżonn tonfoq il-flus?
- Kif tiġbor fondi għall-kampanja tiegħek?
- Kif "tbigħ" l-idea tiegħek biex tikseb il-firem?
- Kif tattira l-attenzjoni tal-media?

## *RIEŻAMI TAL-LEZZJONI*

Eż. 1) Bħala parti mix-xogħol għad-dar għal-Lezzjoni 2, intlabt tiddeċiedi dwar inizjattiva li tista' tivvota għaliha. Mur lura għal din l-inizjattiva u s-sit web dedikat tagħha u agħmel noti dwar dan li ġej:

1) X'attirak l-ewwel għall-inizjattiva?
2) X'metodi użaw l-organizzaturi biex jipperswaduk? Aħseb dwar kif ippruvaw jappoġġaw l-argument tagħhom. X'espressjonijiet użaw? Kif użaw immaġnijiet u grafika? Kif iġegħluk tħossok l-elementi kollha?
   Agħmel ftit noti fil-kaxxi ta' hawn taħt.

| Test | Stampi/Vidjo |
| --- | --- |
| | |
| **Grafika** | **Oħrajn** |
| | |

### IPPREPARA GĦAL-LEZZJONI LI JMISS

Eż. 2) Mur fuq [https://europa.eu/citizens-initiative/find-initiative_mt?STATUS[0]=ANSWERED](https://europa.eu/citizens-initiative/find-initiative_mt?STATUS[0]=ANSWERED), fejn s  e ssib inizjattivi li wieġbet il-Kummissjoni. Agħti ħarsa lejn xi wħud minnhom u ara s-sit web tagħhom, jekk għandhom wieħed. X'taħseb li għamilhom ta' suċċess? Kun lest biex tiddiskutihom fil-bidu tal-lezzjoni li jmiss.

Eż. 3) Aħseb dwar il-kampanja li vvutajt għaliha matul l-ewwel lezzjoni. Kieku jkollok tmexxi l-kampanja, kif tipprova tagħmilha tirnexxi? Aħseb dwar l-azzjoni li tista' tieħu online u offline. Niżżel xi noti fl-ispazju ta' hawn taħt.

## ATTIVITÀ FAKULTATTIVA

Oħloq kaxxa ta' suġġerimenti jew agħmel stħarriġ online biex issib xi kwistjonijiet studenti oħra fl-iskola tiegħek huma mħassba dwarhom fil-livell Ewropew. X'sirt taf?

# UNITÀ 4: L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## *ĦIDMA FIL-KLASSI*

### APPROĊĊI GĦALL-PERSWAŻJONI

**Loġika**:
L-idea tagħmel sens? Hemm konnessjoni diretta bejn l-azzjoni mitluba u, pereżempju, it-titjib fis-soċjetà/fl-ekonomija/fil-ħajja ta' kuljum/fis-saħħa?

**Sentimenti**:
Il-kwistjoni hija xi waħda li n-nies jibżgħu minnha? Kemm iħossuhom aħjar jekk il-kwistjoni tiġi riżolta? Kif iħossuhom jekk ma tiġix riżolta/jekk ma jagħmlu xejn? Il-kwistjoni hija waħda li n-nies jistgħu jissimpatizzaw magħha? Hija waħda li tispira t-tama?

**Etika**:
Hemm kwistjoni morali? Il-kwistjoni hija moralment ħażina? Għandna nsolvu l-kwistjoni sempliċiment għax hija l-ħaġa t-tajba li għandha ssir (għalkemm jista' jkun hemm prezz)?

**Kredibbiltà**:
Hemm sorsi affidabbli li jappoġġaw is-suġġeriment tiegħek (xjenza, riċerka, eċċ.)? Hemm individwi/gruppi li nammiraw jew nirrispettaw (u li wrew li għandhom għarfien) li kellhom pożizzjoni simili jew huma involuti fl-azzjoni?

## ĦIDMA FIL-KLASSI: INSIBU BAŻI KOMUNI

Is-sejba ta' bażi komuni u l-fehim ta' perspettivi differenti tad-diversi partijiet involuti huwa ċentrali meta jsiru l-liġijiet tal-UE. Dan se japplika wkoll għall-idea tal-liġijiet li jkunu bdew iċ-ċittadini permezz tal-IĊE. Jekk inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej jirnexxilha tiġbor miljun firma, u l-Kummissjoni tiddeċiedi li tressaq proposta legali, il-koleġiżlaturi, il-Parlament Ewropew, u l-Kunsill ikollhom jilħqu kompromess. Qabel tipproponi leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni jkollha tqis il-fehmiet tal-partijiet kollha li se jiġu affettwati; il-Membri tal-Parlament iqisu l-effett fuq in-nies u n-negozji fil-kostitwenzi tagħhom; u fil-Kunsill, ir-rappreżentanti ta' kull pajjiż tal-UE jeżaminaw il-kwistjoni minn livell nazzjonali individwali, peress li xi pajjiżi jistgħu jiġu affettwati aktar jew b'mod differenti minn oħrajn. Dawn il-korpi kollha se jkollhom jinnegozjaw u jilħqu kompromess jekk l-inizjattiva ssir liġi.

## ĦIDMA FIL-KLASSI: FIGURA

Il-grupp tiegħek se jiġi assenjat "figura", persuna immaġinarja li jaf tkun trid tipperswadiha. Għall-figura tiegħek, żid xi ideat fit-tabella ta' hawn taħt.

| Affarijiet li jinkwetawni: | Affarijiet li jġegħluni nħossni sigur: |
|---|---|
| | |

## NOTI

# *RIEŻAMI TAL-LEZZJONI*

Ix-xogħol għad-dar tiegħek għal din il-lezzjoni huwa li toħloq vidjo biex tippromwovi l-inizjattiva magħżula tiegħek. Ir-regoli huma kif ġej:

- Billi taħdem fi grupp ta' 3 jew 4, agħmel vidjo li jappoġġa l-inizjattiva li ddeċidejt dwarha matul il-lezzjoni; il-vidjo ma għandux ikun twil aktar minn 3 minuti.
- Tista' tieħu rwol ta' karattri fil-vidjo (jiġifieri tista' tkun xi ħadd ta' grupp ta' età differenti, bi professjoni differenti, eċċ.).
- Jekk tixtieq, tista' tinkorpora mużika u/jew grafika fil-vidjo tiegħek.
- Int responsabbli biex tikseb permess biex tiġbed il-vidjo f'postijiet jew tinkludi persuni oħra jekk ikun meħtieġ.
- Għandu jkun hemm lista ta' krediti li juru min kien responsabbli għal liema parti tal-proġett.

## SUĠĠERIMENTI BIEX IL-VIDJO JKUN TA' SUĊĊESS

Biex tagħmel vidjo ta' suċċess, l-ippjanar huwa importanti mmens. Qabel taħseb biex tiġbed il-vidjo, għandek tkun għamilt dan li ġej:

- **Agħmel riċerka dwar l-inizjattiva tiegħek**. Se jkollok bżonn tiżgura li għandek fatti u ċifri affidabbli disponibbli.
- Agħżel dawk li taħseb li huma l-**aktar kwistjonijiet importanti**. Ftakar li għandek biss tliet minuti. Jaf ma tkunx tista' tgħid kollox.
- Aħseb dwar gruppi ta' persuni differenti li jista' jkollhom **opinjoni differenti minn tiegħek**. X'argumenti jista' jkollhom kontra l-inizjattiva tiegħek? **Kif tista' twieġeb għal dawk l-argumenti**?

Ladarba tkun organizzajt l-ideat tiegħek, wasal il-ħin biex tikteb l-iskript tiegħek. Dan għandu jinkludi t-test u struzzjonijiet għall-kelliema, min iħaddem il-kamera u kwalunkwe effett li tkun trid iżżid mal-vidjo meta tkun spiċċajt tiġbdu. Aħseb dwar dan li ġej.

- Il-vidjo tiegħek għandu **jindirizza lil min jarah direttament**; għandu jħossu li int qed titkellem miegħu. Għalhekk, kun ċert li tuża l-forom ta' lingwaġġ tajbin.
- Uża l-approċċi differenti li tgħallimt dwarhom fil-lezzjoni. Użahom biex jgħinuk tiddeċiedi dwar kif tesprimi l-ideat. **Inkludi lingwaġġ li jirreferi għal loġika, emozzjonijiet, etika u kredibbiltà**, liema waħda tgħinek tagħmel l-argument tiegħek.
- Aħseb dwar **min tista' tkun l-udjenza tiegħek**. Se taqsam dan mal-istudenti l-oħra iżda aħseb ftit dwar kif għandek tkellem xi ħadd bħall-għalliem tiegħek.
- **Żomm il-lingwaġġ ċar u dirett**. Meta tkun qed tikteb l-iskript tiegħek, aqrah b'vuċi għolja u ara kemm huwa faċli biex jingħad. **Sentenza iqsar aħjar minn sentenzi itwal**.
- Meta taħseb li tkun spiċċajt l-iskript**, aqra t-test kollu b'vuċi għolja u ara kemm joħodlok ħin**. Jekk huwa itwal minn tliet minuti, se jkollok bżonn teditjah. Ftakar li jaf ikollok bżonn tħalli ħin għal elementi oħra li se tinkludi fil-vidjo.

Issa tista' tippjana l-vidjo tiegħek. Idea tajba wkoll li tpinġi strixxa ta' storja. Strixxa ta' storja hija pjan tal-vidjo mill-bidu sal-aħħar. Tista' tkun pjuttost diffiċli, iżda għandha tinkludi x-xeni kollha u kulma se tinkludi fil-verżjoni finali. Tista' ssib eżempji ta' strixxi ta' storja online jekk tfittixhom fuq Google.

## FTAKAR:

- **Il-vidjo ma għandux għalfejn ikun ikkumplikat biex ikun ta' suċċess**. Tippjanax li tagħmel affarijiet li m'intix ċert li tista' tagħmel teknikament.
- Tista' tuża l-kamera fuq il-mowbajl tiegħek. Jista' jkun hemm software tal-editjar tal-vidjo mal-apparat tiegħek li tista' tużah biex teditja. Jekk le, hemm software tal-editjar tal-vidjos bla ħlas disponibbli fuq l-internet, eż. OpenShot. Jekk jogħġbok innota li int responsabbli biex tiċċekkja kwalunkwe ħaġa li tniżżel għall-virusis eċċ., u għandek tevita milli tipprovdi l-informazzjoni personali tiegħek. **Jekk m'intix ċert dwar xi ħaġa online, jekk jogħġbok itlob parir mingħand għalliem jew adult responsabbli ieħor**.
- Ipprova **evita milli jkollok sempliċiment persuna waħda quddiem il-kamera taqra l-iskript**. Dan jaf ikun tedjanti u diffiċli biex tiġbdu, peress li n-nies jistgħu jieħdu żbalji. Ipprova aqsam l-iskript bejn il-membri tal-grupp, biex **tipprovdi varjetà** u tagħmilha aktar faċli għal kulħadd biex jitgħallem dak li jrid jgħid.
- Jekk int familjari ma' software tal-editjar, ftakar li tista' taqta' immaġnijiet jew grafika u tuża mużika jew
taħdit sovrapost. Materjal li ssib online jista' jkun soġġett għad-drittijiet tal-awtur, għalhekk idea tajba li **tuża materjal mingħajr royalties**.
- Aħseb dwar kwistonijiet bħad-dawl u l-istorbju, speċjalment jekk se tiġbed il-vidjo barra, fejn jista' jkollok storbju ġew mir-riħ, triq fil-viċin, eċċ.
- Inti se jinġibdlek vidjo. **Aħseb ftit dwar x'se tilbes**, kun ċert li hija xi ħaġa li tirrappreżenta kif trid tidher mal-udjenza tiegħek. Normalment mhux se jkun meħtieġ irtokk.
- Fuq kollox, il-vidjo tiegħek għandu jkollu **ritmu u enerġija**.



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## Proset

talli rnexxilek tispiċċa dan il-modulu u titgħallem aktar dwar id-demokrazija fl-Unjoni Ewropea. Id-demokrazija taħdem biss jekk kulħadd jagħmel il-parti tiegħu, u issa sirt taf wieħed mill-modi li se jippermettilek ikollok rwol attiv. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tippermetti li leħnek jinstema', u int tista' tagħmel bidla pożittiva mhux biss għalik iżda għal kulħadd fl-Unjoni Ewropea.

# SKEDA TA' FATTI DWAR IT-TRATTATI TAL-UNJONI EWROPEA

*Trattati ewlenin tal-UE*

**2007**
It-Trattat ta Maastricht



**1992**
It-Trattat ta' Maastricht

**1990**
Il-Konvenzjoni ta Schengen





**1957**
It-Trattat ta' Ruma

**1951**
It-Trattat ta' Pariġi





[Aktar informazzjoni dwar it-Trattati]



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

It-trattati li ġejjin jirrappreżentaw ħames stadji ewlenin importanti fl-istorja tal-Unjoni Ewropea. Jekk tixtieq aktar informazzjoni, jekk jogħġbok segwi l-links wara kull kaxxa ta' informazzjoni. Ftakar li tista' tibdel il-lingwa fil-każijiet kollha.

## IT-TRATTAT TA' PARIĠI TAL-1951

L-Unjoni Ewropea bdiet fil-ħamsinijiet, wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija. L-għan kien li tipprevjeni gwerra oħra fil -kontinent Ewropew. It-Trattat ta' Pariġi kien l-ewwel pass lejn l-integrazzjoni Ewropea. Dan stabbilixxa l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, li għaqqdet sitt pajjiżi Ewropej (Franza, il-Ġermanja tal-Punent, l-Italja, il-Belġju, il-Lussemburgu u n-Netherlands) li bejniethom il-kummerċ tal-faħam u l-azzar seta' jsir mingħajr ostakli. L-iskop ewlieni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar kien li tintegra l-ekonomiji tan-nazzjonijiet Ewropej parteċipi biex tagħmel il-kunflitt inqas probabbli kif ukoll biex tagħmilha evidenti jekk membru wieħed kien se juża l-azzar biex jibni armi bi tħejjija għal gwerra possibbli.

## IT-TRATTAT TA' RUMA TAL-1957

Dan it-trattat stabbilixxa l-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) li għaqqdet 6 pajjiżi (il-Belġju, il-Ġermanja, Fra nza, l-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands) biex jaħdmu lejn l-integrazzjoni u t-tkabbir ekonomiku, permezz tal-kummerċ.

Dan ħoloq suq komuni bbażat fuq il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital. Ħoloq ukoll unjoni doganali, li neħħiet it-tariffi internament u stabbiliet tariffi komuni għall-merkanzija li tiġi minn barra.

Bosta mill-istituzzjonijiet tal-UE li nafu llum ġew stabbiliti b'dan it-Trattat:

- Il-Kunsill tal-Ministri
- Il-Kummissjoni
- L-Assemblea Parlamentari (il-Parlament Ewropew)
- Il-Qorti tal-Ġustizzja
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

## IL-KONVENZJONI TA' SCHENGEN TAL-1990

Il-Konvenzjoni ta' Schengen stabbiliet żona ta' moviment liberu bl-ebda verifika fil-fruntieri bejn il-firmatarji. Min n dakinhar ġiet inkorporata fid-dritt tal-Unjoni u issa hija għan dikjarat tal-Unjoni Ewropea.

## IT-TRATTAT TA' MAASTRICHT TAL-1992

Dan huwa t-trattat li stabbilixxa l-Unjoni Ewropea. Fost affarijiet oħra, introduċa l-idea ta' "Ċittadin Ewropew" li tippermetti liċ-ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż tal-UE jgħixu u jaħdmu fi kwalunkwe Stat Membru ie ħor. Ipprovdilhom ukoll drittijiet u protezzjonijiet oħra.

Parti importanti oħra tat-trattat kienet li stabbilixxa l-idea ta' munita komuni u koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, li wassal għall-ħolqien tal-euro u l-Bank Ċentrali Ewropew.

It-trattat iċċentralizza bosta responsabbiltajiet li preċedentement kienu r-responsabbiltà tal-gvernijiet nazzjonali sabiex ikun hemm aktar armonizzazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea. Għamel ukoll tibdiliet fl-istruttura tal-poter fl-istituzzjonijiet tal-UE.

## IT-TRATTAT TA' LIŻBONA TAL-2007

Dan it-trattat bena fuq it-trattati fis-seħħ dak iż-żmien u emendahom. Ta lill-Unjoni Ew ropea personalità ġuridika, li kienet tfisser li issa setgħet tiffirma trattati jew tissieħeb f'organizzazzjonijiet bħala korp uniku. Għamel il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali legalment vinkolanti u taha l-istess valur legali bħat-trattati. Iċċara wkoll kwistjonijiet ta' kompetenza tal-UE.

Ta' importanza kbira, it-trattat żgura li għandu jkun hemm aktar demokrazija, billi żied is-setgħa tal-Parlament Ewropew.

Dan ipprovda wkoll mekkaniżmu għaċ-ċittadini ordinarji biex ikollhom effett dirett fuq il-politika u l-liġi tal-UE. Huwa hawn li ġiet introdotta l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE).

# Il-Valuri Ewlenin tal-Unjoni Ewropea

## DINJITÀ TAL-BNIEDEM

Il-kunċett tad-dinjità tal-bniedem huwa t-twemmin li l-persuni kollha għandhom valur speċjali marbut biss mal-umanità tagħhom. Ma għandu xejn x'jaqsam mal-klassi, ir-razza, il-ġeneru, ir-reliġjon, l-abilitajiet tagħhom jew kwalunkwe fattur ieħor għajr il-fatt li huma umani.

Id-dinjità tal-bniedem tiġġustifika d-drittijiet tal-bniedem. Meta l-persuni jinqasmu jingħataw valur abbażi tal-karatteristiċi tagħhom bħall-klassi, il-ġeneru, ir-reliġjon u l-bqija, dan joħloq soċjetajiet mhux ugwali fejn tirrenja d-diskriminazzjoni. Persuni li jiġu assenjati valur ogħla jiksbu trattament ta' preferenzi. Kull min ma joqgħodx fil-kategorija privileġġata jista' jiġi abbandunat jew oppress.

## LIBERTÀ

Il-libertà tal-moviment tagħti liċ-ċittadini d-dritt li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-Unjoni. Il-libertajiet individwali bħar-rispett għall-ħajja privata, il-libertà tal-ħsieb, ir-reliġjon, l-għaqda, l-espressjoni u l-informazzjoni huma protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

## DEMOKRAZIJA

L-UE tiffunzjona fuq demokrazija rappreżentattiva u parteċipatorja. Li tkun ċittadin Ewropew ifisser li tgawdi minn drittijiet politiċi. Kull ċittadin tal-UE adult għandu d-dritt li joħroġ bħala kandidat u jivvota fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li joħorġu bħala kandidati u jivvutaw fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, jew fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Iċ-ċittadini jistgħu wkoll jaffettwaw il-politika tal-UE direttament permezz ta' għodda bħall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

## UGWALJANZA

L-ugwaljanza tikkonċerna drittijiet ugwali għaċ-ċittadini kollha quddiem il-liġi. Il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel isejjes il-politiki Ewropej kollha u huwa l-bażi għall-integrazzjoni Ewropea. Dan japplika fl-oqsma kollha. Il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali sar parti mit-Trattat ta' Ruma fl-1957.

## STAT TAD-DRITT

L-UE hija bbażata fuq l-istat tad-dritt. Kulma tagħmel l-UE huwa bbażat fuq trattati, maqbula b'mod volontarju u demokratiku mill-pajjiżi tal-UE tagħha. Il-liġi u l-ġustizzja jiġu sostnuti minn ġudikatura indipendenti. Il-pajjiżi tal-UE taw il-ġuriżdizzjoni finali lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea li s-sentenzi tagħha jridu jiġu rrispettati minn kulħadd.

## DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

Id-drittijiet tal-bniedem huma protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dawn ikopru d-dritt li wieħed ikun ħieles mid-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tiegħek, u d-dritt li tikseb aċċess għall-ġustizzja.



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

# OQSMA TA’ AZZJONI TAL-UE (għażla)

| Kompetenza Esklużiva | Kompetenza Kondiviża | Kompetenza ta’ Appoġġ |
|---|---|---|
| Unjoni Doganali | Suq Uniku | Saħħa pubblika |
| Regoli tal-kompetizzjoni | Impjieg u affarijiet soċjali | Industrija |
| Politika monetarja | Agrikoltura | Kultura |
| Kummerċ | Sajd | Turiżmu |
| Pjanti u annimali tal-baħar | Ambjent | Edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport |
| | Protezzjoni tal-konsumatur | Protezzjoni ċivili |
| | Trasport | Kooperazzjoni amministrattiva |
| | Networks trans-Ewropej | |
| | Enerġija | |
| | Ġustizzja | |
| | Drittijiet fundamentali | |
| | Migrazzjoni u affarijiet interni | |
| | Saħħa pubblika | |
| | Riċerka u spazju | |
| | Kooperazzjoni għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja | |

Oqsma ta’ azzjoni tal-UE



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

# IL-PROĊESS TAT-TFASSIL TAL-LIĠIJIET TAL-UE

Il-Kummissjoni Ewropea

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

Membri nnominati mill-Istati Membri

*Jipproponi l-leġiżlazzjoni*

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

Elett direttament miċ-ċittadini tal-UE

European Parliament

**IL-KUNSILL TAL-UE**

Ministri mill-gvernijiet tas-27 Stat Membru

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

*Jemendaw u jadottaw il-leġiżlazzjoni b'mod konġunt*

© L-Unjoni Ewropea, 2023
L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat diment li jiġi rikonoxxut is-sors. Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea
hija rregolata mid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

PDF ISBN: 978-92-68-03575-7 doi: 10.2792/476830 KA-05-23-148-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej